MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2008

Numru 108/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Pierre Grech**

**vs**

**Emma Prieto Martin Albo**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputata Emma Prieto Martin Albo ta’ 30 sena bint Gabriel u Alfonsa Martin Albo Carnal, imwielda Spanja nhar it-8 ta’ Awissu 1977, residenti (Malta) Milano Due Hotel, Sliema /(Spanja) C. Alminares Del Genil, No7, 5oA, 18006, Spain, Dokument nr. 52388963T giet mressqa quddiemha akkuzata talli:

F’ dawn il-Gzejjer fit-22 ta’ Gunju 2008 u fil-jiem ta’ qabel din id-data:

Kellha fil-pussess taghha ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8 (a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena stabbilita mill-Ligi, tordna lill-imputata sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x’ jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 23 ta’ Gunju 2008 (esebit *a folio* 7 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarilha fis-seduta tat-23 ta’ Gunju 2008 l-imputata iddikjarat li ma kelliex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputata kif registrata fis-seduta tat-23 ta’ Gunju 2008 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputata wiegbet li hija hatja, din il-Qorti wissietha b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u hija nghatat zmien xieraq sabiex jekk trid terga’ lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputata, l-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja tal-akkuza migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessa.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali netta tal-imputata (esebita *a folio* 9 tal-process), l-fatt li hija ammettiet l-akkuza migjuba fil-konfronti taghha fi

stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fatt li huwa ikkoperat bis-shih fil-kors tal-investigazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 8 (a) u 22 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputata hatja tal-akkuza migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessa u b' applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor sa zmien sena (1) millum.

Il-Qorti tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tad-droga esebita llum u mmarkata bhala Dok PG 1 liema distruzzjoni ghandha ssir taht id-direzzjoni tar-Registratur tal-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------